**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.,**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 114 / 15RGM

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti izzewgu bir-rit Kattoliku nhar id-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf disa' mija u sitta u sebghin (1976) tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u ghaldaqstant ghaddew ghal separazzjoni konsenswali permezz ta' kuntratt ippublikat fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar elfejn u hmistax (29/01/2015) ippubblikat minn Nutar Dottor Joseph Tabone;

4. Illi l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli

ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-kontendenti jigi dikjarat null.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici titlob bir-rispett prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

2. Tordna li jsiru l-annotazzjonijiet opportuni fl-att taz-zwieg relattiv.

Salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok jiddikjara li huwa jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun annullat, b'dana pero` minhabba tortijiet attribwibbli ghall-istess A B.

2. Illi l-kawza principali kienet tirrigwarda l-fatt li l-esponent ried li jkollu t-tfal mentri l-attrici ma riditx li jkollha t-tfal ghax gabet l-interess tal-karriera taghha bhala nutar, qabel il-formazzjoni ta' familja.

3. Illi huma ccelebraw iz-zwieg wara ghaxar (10) snin gherusija li matulhom qatt ma qalet li ma riditx tfal. Illi ghalhekk meta l-esponent presta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg dana ghamlu bi hsieb li jifforma familja billi jkollu t-tfal. Illi ghalhekk jekk kien hemm xi hadd li kellu l-kunsens ivvizzjat u difettuz, kien l-esponent ghar-ragunijiet li mhux imputtabli ghalih.

4. Illi ghall-bqija, l-pretensjonijiet ta' l-attrici in kwantu jirrigwardaw l-anomalija psikologika serja da parti ta' l-esponent huma ghal kollox infondanti fil-fatt u fid-dritt se mai kienet l-attrici li kienet effetta minn dan l-aspett.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata nhar is-26 ta' Gunju 2015, li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (fol 13).

Semghet ix-xhieda tal-konvenut fir-rigward tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja waqt l-udjenza tas-17 ta' Marzu 2016.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu laqghet it-talba u ppermettiet li r-risposta guramentata tal-konvenut tibqa` in atti minkejja t-tardivita`, b'dan illi l-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fil-21 ta' Marzu 2016, li permezz taghha pprezentat hames affidavits Dok Dl-Dok D5 (fol 34).

Rat in-nota tal-konvenut tal-5 ta' Ottubru 2016, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess Dok AV1 (fol 166).

Semghet ix-xhieda, rat il-provi u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

## PROVI

### Verzjoni attrici

Fl-affidavit taghha l-attrici tissottometti illi huma ghamlu ghaxar snin gharajjes. Hlief ghal perjodu fit-tielet sena taghhom fejn il-konvenut xtaq jieqaf, hija thoss li kellhom relazzjoni tajba. Tghid li zzewgu fid-9 ta' Ottubru 2010 u ghat-tlett snin li damu jghixu flimkien hasset li kienu sejrin tajjeb izda din kienet da parti taghha biss.

Tghid li f'Ottubru 2013 kellhom xi jghidu u damu tlett ijiem ma jitkellmux. Hija ppruvat tkellmu u hu nfurmaha b'hafna affarijiet li kien qed ihoss matul is-snin izda li qatt ma kien qalilha. Qalilha li kien ilu jissaporti l-karattru taghha u affarijiet li taghmel bhal per ezempju ccempilu biex tistaqsih x'irid jiekol jew jaghmel xi facendi zghar fid-dar. Beda jikkumpara x'gab hu fiz-zwieg ma’ dak li gabet hi u li ma kienux ikkontribwew indaqs. Tghid li dak iz-zmien ma kellhiex hafna flus ghaliex kienet ghadha kemm tispicca l-universita'.

Tghid li dakinhar qamet diskursata fuq li jkollhom it-tfal bhala pjanijiet biss stante li dak z-zmien kienet qed tahseb biex tbiddel ix-xoghol ukoll. Hu kien qallha li t-tfal m'ghandhomx x’jaqsmu mas-sitwazzjoni tax-xoghol. Kull meta kienu

jsemmu' l-kwistjoni tat-tfal kien jghidilha li jekk tohrog tqila trid taghmel testijiet medici biex tkun taf jekk it-tfal ikollhomx xi mankament u dan ghaliex hi tbati b'daharha.

F'Novembru 2013 kienet qabditu jiccettja ma' kollega izda kienet indunat li n-natura tad- diskussjonijiet ma kinitx wahda adegwata ghal bejn il-kollegi. Tghid li kien kitbilha li jimmissjaha u jhobbha. Hu kien qalilha li r-relazzjoni taghhom ma kinitx ghadha ittih l-istess sensazzjoni.

Tghid li f'dan l-istess zmien ir-relazzjoni intima taghhom spiccat. Tispjega li qabel ma zzewgu l-kuntatt sesswali kien inezistenti, filwaqt li wara li zzewgu l-kuntatt kien mill-inqas. Meta kienu bdew il-problemi kien jghidilha li kien jersaq lejha sempliciment biex jara xi jhoss.

Tghid li fis-sitt xhur li kienu ghaddejjin mill-problemi baqghu jghixu flimkien. Il-konvenut kien jevita kull tip ta' komunikazzjoni izda kien ifittixha b'mod sesswali u kien jghidilha li jaghmel hekk biex jara jhossx xi haga lejha. Kienet thossha uzata imma kienet tghid li qed taghmel sforz biex issalva z-zwieg.

F'Marzu 2014 kienu ghadhom jghixu flimkien izda ma kinux qed jitkellmu. Kienet tinduna li l-ftit affarijiet li kien jghidilha kienu jkunu gideb biex jevitaha. Beda jsir aggressiv maghha u meta qaltlu xi haga fuq iz-zwieg taghhom kien qalilha li ma kienx cert meta zzewwigha. Meta rrispondietu, qabadha minn spallejha, imbuttaha ghal fuq is- sufan u hi waqghet. Kienet iddecidiet li taghmel xi haga ghaliex ma kienx accettabbli li jerfa` jdejh fuqha.

Bejn Ottubru 2013 u Marzu 2014 kien halliha mdendla fuq kif kienet mieghu u dwar kif kien qieghed ihossu. Kienu marru sessjoni wahda jew tnejn ghand marriage councillor u ma riedx imur aktar. Hi bdiet tmur ghand psikologa u baqghet tmur ghaliex ghaliha kienet sitwazzjoni difficli.

Tghid li dakinhar li gholla jdejh fuqha kienet talbitu risposta biex jiddeciedu x'se jaghmlu. Hu kien hareg u hi bdiet tinkwieta u hu baghtilha messagg li qatt ma habbha. Tghid li kieku kien ammetta maghha dak li kien ihoss, hi ma kinitx tizzewgu anke dakinhar stess tat-tieg.

Tghid li fl-ewwel sena tar-relazzjoni taghhom u cjoe fl-2002, il-konvenut kien involut f'incident awtomobilistiku flimkien ma' huh u kuginuh f'liema incident huh u kuginuh tilfu hajjithom izda C salva. Hu qatt ma fittex ghajnuna professjonali wara dan l-incident. Fl-2012 kien miet ir-ragel tal-kugina tieghu li kellu relazzjoni tajba hafna mieghu u wara dan kien wegga' missieru, u l-konvenut kien ihoss li kien it-tort tieghu ghax f'dak il-hin ma kienx mieghu.

Dak kollu li kien ghadda minnu halla impatt kbir fuqu. Minn dak li qalet lill-psikologa, din kienet qaltilha li possibilment il-konvenut kellu post traumatic stress disorder (PTSD), possibilment ghaliex qatt ma mar jitkellem ma' professjonista. Tghid li qrat hafna dwar dan u s-sintomi kienu simili hafna. Tghid li l-persuna ssir aggressiva u l-emozzjonijiet taghha jkun numb ghal persuni li l-aktar ikunu qrib taghha. Hemm probabilta' li ghandu *survivors' guilt*. Tghid li hi kienet persuna qrib tieghu li ghalkemm ma riedx jitlifha ghax kienet baqat dejjem hemm ghalih, kien sar *numb* fil-konfront taghha. Tghid li kienet lesta tibqa' mieghu u tghinu sa dakinhar li qalilha li qatt ma habbha u li ma kienx cert meta zzewwigha.

Tghid li thoss li dahaq biha ghax jekk kien hemm affarijiet li kienu jdejquh, dan missu tkellem qabel ma zzewweg. Tghid li ghadha tmur ghand il-psikologa ghax thoss li giet ingannata minn ragel li tatu kollox. Trid l-annullament ghax thoss li dahaq biha meta zzewwigha la qatt ma habbha u li ma kienx cert meta zzewwigha. Kieku kien fetah qalbu maghha fuq l-incertezza li kellu, hi stess ma kinitx tizzewgu.

Viva voce waqt l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2016, tghid inter alia illi wara l-affidavit taghha giet infurmata illi l-konvenut kien tella` post fuq facebook li kien jghid: *"Rain poured heavily that day the one up above didn't want it to happen but I went and did it!!!! Everything happens for a reason if this was the reason it was all worth it!!"* (Dok RP1) L-attrici nterpretat dan bhala *"ma kelhliex triq ohra, mort imma ma kontx cert minn dak li qed naghmel."* Tghid li hu kien qalilha verbalment illi ma kienx cert meta zzewwigha u kien baghtilha message li hu qatt ma habba izda mbaghad kien hassarulha. Tghid li l-ewwel darba li semghet dan id-diskors kien f'Marzu 2014. Tghid illi waqt li hi kienet taht kalmanti hu kien hassrilha xi messaggi u l-messagg l-aktar importanti fil-konversazzjoni kien li hu qatt ma ried tfal minn taghha. Tghid ukoll li t-tnejn li huma xtaqu t-tfal imma t-timings setghu kienu differenti u hi riedet li meta jigu t-tfal hi tkun f'posizzjoni li tiehu hsiebhom hi u tatihom l-attenzjoni kollha. Tghid li minn mindu beda jghidilha b'dawn il-problemi, hu nbidel kompletament. Tghid li kien jghidilha hafna gideb.

Mistoqsija jekk kienx hemm xi fatturi li kienu jindikawlha talba ghal annullament tghid li wara l-incident li kellu disa` snin qabel izzewgu, l-konvenut zviluppatlu *Irritable Bowel Syndrome*, kif ukoll kien ikollu ugiegh ta' rasijiet li qabel ma kienx ikollu. Tghid ukoll li wara li zzewgu, specjalment wara li miet ir-ragel tal-kugina tieghu, kienet tinnota affarijiet li qabel ma rathomx, kien ikollu *flashbacks* u kien ikun aggressiv. Hi kienet qaltlu bhala martu tixtieq illi jekk hemm kundizzjoni ta' PTSD jarawha flimkien. Tghid li pero` qatt ma gie diagnosed u li tghid tghidu biss minn dak li qrat. Tghid li fl-ewwel sentejn taz-zwieg ma rathomx dawn l-episodji, rathom biss meta rega` gara episodju li skonvolga l-familja

kollha. Tghid li gralhom li gralhom minhabba din it-trawma kif ukoll minhabba l-fatt li qatt ma habbha u li wasal biex qalilha hu stess li ma kienx cert.

Tixhed **Deborah Buttigieg**, u tghid illi qabel iz-zwieg kienet ilha taf lil C u A sentejn, u kienet tarahom bhala koppja helwa. Meta l-koppja kienu gharajjes kienet tahseb li C jirrispetta lil A u minn naha ta' A kienet tahseb li kien hemm certu affarijiet li hi ma kinitx tinduna bihom bhal per ezempju meta kienu jitkellmu fuq il-post taghhom, C kien jara kif jaghmel biex juri kemm qieghed jaghmel xoghol fil-post filwaqt li hi mhiex tikkontribwixxi. Ir-rizorsi finanzjarji ta' A kienu hafna aktar limitati. Hi kienet tarahom affarijiet personali tal-koppja u li ma kellhomx jigu diskussi quddiemhom allavolja kienu parti mill-familja. Kull darba li kienu johorgu ma' xi nies godda huwa dejjem kien jipprova jitfa lil A fid-dell tieghu.

Tghid li huma kienu jaghmlu sforz biex jidraw il-hajja matrimonjali u l-attrici kienet tara kif tlahhaq bejn il-karriera u dak kollu li kien hemm bzonn, izda l-konvenut kien dejjem jiftahar b'dak li kien jaghmel. Tghid li meta nqalghu il-problemi kienet kellmithom separatament. Wara li kellmet lill-attrici hasset li ma kienx hemm affarijiet li ma setghux jitrangaw. Tghid illi l-konvenut kien staqsiha hu biex ikellimha u kien qalilha li ma ghadux ihossu komdu fir-relazzjoni, li l-attrici bdiet tippretendi certu affarijiet minghandu, li l-attrici tiffoka hafna fuq ix-xoghol u li ghad ma kellhomx tfal. Qalilha li ma riedx ikellem lill-attrici ghax ma kienx ihossu lest. Issuggerietlu li kien ikun ahjar li jmorru *marriage counselling* izda hu qalilha li dan kien kollu hela ta' hin u ma kellux ghalfejn jiddiskuti l-problemi ma' haddiehor.

Tghid illi wara li kienet semghet liz-zewg nahat, filwaqt li bdiet tifhem il-problemi ahjar, qatt ma rat ragunijiet daqshekk kbar li kellhom iwasslu ghal separazzjoni, specjalment ghax kienet taf kemm kienu jinhabbu qabel.

Tghid li matul il-perjodu li kien hemm il-problemi bejniethom l-attrici qatt ma qatghet qalbha u dejjem pruvat taghmel minn kollox biex tirranga s-sitwazzjoni u biex tregga lura l-unita bejniethom filwaqt li qatt ma rat lil C jaghmel ebda pass biex jirranga l-affarijiet, izda kien bieb maghluq.

In kontro-ezami tikkonferma li meta fl-affidavit taghha tghid inter alia illi kienet taf li kienu jinhabbu qabel, kienet qed tirreferi ghall-koppja qabel izzewgu. Tghid ukoll li l-attrici dejjem ghamlet minn kollox biex issalva s-sitwazzjoni.

Tixhed bl-affidavit **Bernice Galdes** u tghid li ilha taf lill-attrici dawn l-ahhar tmienja u ghoxrin sena. Tghid inter alia illi meta C kien fl-aktar zminijiet difficli bhal meta kellu l-incident tat-traffiku, fejn kienu mietu huh u l-kugin tieghu, A

dejjem kienet hemm sabiex taghti l-ghajnuna, kemm lilu u anka lill-familja tieghu. Infatti wara dan l-incident A u hi ma baqghux jiltaqghu fuq bazi regolari.

Tiftakar darba hi u A hargu flimkien u marru jiehdu xi haga gewwa l- Mellieha u tkellmu fuq hafna affarijiet u fosthom A kienet semmitilha kemm ma kinitx kuntenta fuq ix-xoghol u li jekk il-'promotion' li kienet ilha tistenna ma kinitx se tohodha wara li huma jigu mis-safar, xtaqet li jibdew jahsbu biex ikollhom it-tfal.

Tghid li fiz-zmien li bdew il-problemi, l-attrici kienet tghidilha li kienet baqghet issajjar, tnaddaf u tahsel il-hwejjeg normali imma C lanqas biss kien ikellimha u li dan l-atteggjament kien qieghed idejjaqha hafna ghaliex bdiet thossha bhala seftura. Kienet tghidilha li C qatt ma ried jaghmel ebda sforz biex jirranga s-sitwazzjoni.

Tghid li ftit wara li A kienet telqet mid-dar kienet rat lill-konvenut gewwa post tad-divertiment u meta gew wicc imb' wicc kien waqaf ikellem lilha u lir-ragel taghha. Ma kien qal xejn fuq dak li kien gara bejnu u bejn A u beda jitkellem fuq kemm kien imdejjaq ix-xoghol li kien qieghed jaghmel dak iz-zmien u beda jispjegalhom li meta jrid seta' jwaqqa' l-hanut fejn kien jahdem u jaghmel xi appartamenti u jghix minn fuq il-kera taghhom.

In kontro-ezami tghid illi qabel ma beda l-inkwiet bejniethom kienet tarahom bhala koppja ideali, u meta l-konvenut staqsiha x'rigal seta` jixtri lill-attrici, hi haditha bhala xi haga li jaghmel ragel lejn mara li jhobb.

Tixhed **Rita B**, omm l-attrici, u tghid illi fl-gherusija, r-relazzjoni taghhom kienet tidher tajba u kienet tismaghhom jitkellmu fuq il-futur. Wara l-incident tal-konvenut, l-attrici tatu s-support kollu ghalkemm kellha l-ezamijiet ta' l-ahhar tas-sena. Wara l-incident hu beda jbati minn ugiegh ta' ras u ta' zaqq u spiss kienu jkunu se johorgu u jispiccaw joqghodu gewwa. Huwa ghamel zmien ma jmurx fil-folol kawza tal-incident.

Spiss kienet tisimghu jghid li hu kien qed johrog flus fid-dar u A ma kinitx qed tikkontribwixxi, specjalment wara z-zwieg. L-attrici kienet ghadha hierga mill-universita`. Izda xorta kienu jitkellmu fuq il-futur.

Tghid illi meta bhala genituri saru jafu li C u A kellhom il-problemi bejniethom kien xokk kbir u ppruvaw jghinuhom kif setghu. Kienu jinkwetaw hafna specjalment meta A kienet tghidilha li qeghdha wahedha tard bil-lejl ghax C kien beda jdum biex jirritorna d-dar u meta kien jghid lil A li ma riedx ikompli iktar biz-zwieg taghhom specjalment meta kienet tkun ix-xoghol. Ta' spiss kienet tigi d-dar taghhom u kienet tibza tmur lura d-dar u kienet dejjem tibki ghax ma kinitx tkun taf x'se jghidilha meta tasal u kellha biza' kbira fuqha. Kienet qaltilha li C

kien qallha li ghalih hi u l-'cushion' ta' fuq is-sufan jew l-gwardarobba huma l-istess ghax ma kien ghadu jhoss xejn lejha. Kien iddispjaciha hafna meta A kienet qaltilha li C qallha li hu qatt ma habbha u li ma kienx cert meta zzewwigha.

In kontro-ezami tghid li l-kliem li kien qalilha li qatt ma habba u li ma kienx cert meta zzewwigha kienet qalitulha l-attrici, izda gieli kienet tkun maghha u taqra l-messaggi li jibaghtilha.

**George B**, missier l-attrici, jixhed bil-mezz tal-affidavit u jghid illi qabel iz-zwieg kien jara li C u A kellhom relazzjoni tajba ma' xulxin. Ma kienx jidher li kien hemm problemi bejniethom u anka wara z-zwieg kien jarahom kuntenti minkejja dak kollu li gara.

Jghid li C kellu difett li kien ihobb isemmi l-flus specjalment fiz-zminijiet tat- tieg u meta kienu qeghdin jaghmlu l-post li kellhom imorru joqghodu fih. C kien isemmi specifikament l-ammonti li qieghed jonfoq biex jghaddi messagg lilhom bhala genituri li ma kienux setghu jghinuhom finanzjarjament.

Jghid li meta kellhom il-problemi, hi ghamlet minn kollox biex tirranga s-sitwazzjoni izda hu qatt ma ried jirranga. Jghid illi r-ragunijiet ghala C kien jghid li ma jridx ikompli biz-zwieg ma' A ma kienx jahseb li huma bazi li fuqhom wiehed kellu jissepara. Kien iddispjacih hafna meta A kienet qaltilhom li C kien qallha li qatt ma habbha u li ma kienx cert meta zzewwigha.

Jixhed bl-affidavit **Jean Marc B** u jghid inter alia illi fil-perjodu ta' wara l-incident tat-traffiku li kellu C fejn kienu mietu huh u l-kugin tieghu, A dejjem tatu is-support li kellu bzonn minkejja li kienu zminijiet difficli hafna. F'dak il-perjodu kien sar aktar qrib tieghu u kienu qishom ahwa. Jiftakar lil C jghid li wara dan l-incident tat-traffiku kien sar ibati minn hafna ugiegh ta' rasijiet u zaqq u infatti gieli kienu jkunu se johorgu maghhom u kienu jikkancellaw il-pjanijiet. Jghid li l-konvenut jitkellem hafna fuq huh u l-kugin tieghu specjalment meta kienu jitkellmu fuq il- karozzi u C kien jispjega kemm kellhom relazzjoni tajba flimkien u kienu 'close'. C kellu rabja kbira ghal dak li gara.

Jghid li t-tnejn li huma dejjem urew ix-xewqa li jkollhom familja fil-futur, infatti kemm-il darba kienu jsemmu ismijiet tat-tfal li kienu jixtiequ li jsemmu t-tfal taghhom. Jghid li meta l-konvenut kien kellmu fuq il-problemi matrimonjali taghhom, ir-ragunijiet li tah fl-opinjoni tieghu ma kienux bazi ghal separazzjoni. Kien jiddispjacih meta A kienet tghidlu b'dak li jghidilha C u l-mod ta' kif kien qieghed jittrattaha specjalment meta kien jghidilha li hi u l-'cushion' ta' fuq is-sufan jew il- gwardarobba kienu l-istess ghalih tant kemm ma kien ghadu jhoss xejn ghaliha u specjalment ukoll meta kien qallha li hu qatt ma habbha u li ma kienx cert meta zzewwigha.

In kontro-ezami jghid illi jista` jkun illi l-konvenut kellu dispjacir u mhux rabja wara l-incident tat-traffiku.  Mistoqsi jekk jiftakarx li kien cempel lill-konvenut u qallu li l-attrici kienet titkellem b'arroganza bhal missierhom, jghid li ma jiftakarx din is-sitwazzjoni.

Tixhed viva-voce il-psikologa **Mariella Mamo**, u tghid li fl-ahhar tas-sena 2013, wara tliet snin zwieg, hija kienet rat lill-koppja u kienu marru ghandha ghaliex ma kienux certi fejn iz-zwieg kien sejjer. Tghid li l-konvenut kien gie qisu jaf xi jrid u ma jridx u li ghall-attrici dan kien xokk. Kien qisu splodiet bomba gol-kamra ghaliha. Tghid li dik il-laqgha kkonkludiet ruhha b'incertezza, imbaghad baqghet tmur ghandha l-attrici wahedha. Tghid li l-attrici dejjem uriet integrita` qawwija li tipprova tifhem x'kien gara biex ir-relazzjoni spiccat hekk ghax hi ma kinitx qed tistenniha. Tghid li f'sessjoni partikolari mal-attrici, kienet qaltilha li se jasal zmien fejn ser ikollha tahseb ghal tfal barra miz-zwieg jekk ma hijiex ser tasal li terga` tafda lil haddiehor. Tghid li hi ma tistax taghmel assessment psikologiku tal-partijiet ghaliex hi taghti terapija u huma zewg affarijiet differenti. Tghid li lill-attrici ghadha taraha sal-lum.

### Verzjoni konvenut

**Il-konvenut** jixhed bil-mezz tal-affidavit u jghid illi hu u A ltaqghu meta kellhom sbatax-il sena. L-ewwel kienu hbieb u mbaghad bdew johorgu flimkien. Jghid li mal-genituri rispettivi taghhom waqt l-gherusija kienu jmorru tajjeb, hlief ghal incident wiehed li kellu ma’ missier l-attrici. Darba l-attrici kellha xi tghid ma' missierha, hu ma tkellem xejn izda ghal xejn b’xejn missierha offendihom it-tnejn u qalilhom li ghat-tieg mhux gej. Kif wasal id-dar, cempillu Jean, hu l-attrici, u qallu ‘ha nghidlek qabel tizzewweg - A arroganti daqs missieri’. Qallu wkoll illi mieghu hekk kienet tkun, arroganti. Ir-risposta tieghu kienet illi ma jfissirx li ghax missierha huwa arroganti, l-attrici hija bhalu. Wara z-zwieg induna li dak li qallu huha kien tabilhaqq minnu.

Fit-tielet sena ta’ l-gherusija hu kien ried jieqaf mir-relazzjoni minhabba li kienu tlewwmu bl-ikrah fuq missieru. Il-kaz kien illi wara l-incident li kellu, darba fost l-ohrajn sema` riklam tal- Middlesea fuq ir-radju u qalilha: ‘kull darba li nisma’ riklam ta’ dawn nerga’ niftakar fl-incident!’ Dakinhar missieru kellu kaz il-Qorti fuq l-incident u l-attrici sahqet illi lil missieru kienu ressqu mhux lilu, bhal li kieku hu ma ghandux x'jaqsam. Hu kien hadha bi kbir u ried li jieqfu izda mbaghad l-gherusija kompliet b’mod normali ghal sitt snin wara dan l-incident.

Jghid li peress illi l-attrici kienet tistudja, matul il-gimgha kienu jmorru ghand xulxin kuljum, u fil-weekend kienu johorgu jieklu jew jiltaqghu ma' shabhom.

Jghid li ma kellu xejn partikolarment negattiv x'jara fiha fl-gherusija - hlief ghall-fatt li mal-qraba taghha u vici-versa kienet tkun arroganti, partikolarment fil-kliem u l-attegjament bejn l-ahwa. Kienu jgibu ruhhom ma' xulxin b'mod goff u arroganti zzejjed. Jghid ukoll illi kienet tkun trid tirrimarka u tghaddi kummenti fuq kull min tiltaqa' mieghu, inkluz dwar hbiebha stess.

Jghid li meta ra li l-post li kienu ha jmorru joqoghdu fih kien kwazi lest, kien ipproponilha li jizzewgu, u ghamlu l-kors ta' thejjija ghaz-zwieg ta' Kana, u bdew il-preparamenti ghat-tieg.

Jghid li fl-gherusija ma riditx li jkollhom x'jaqsmu qabel ma jizzewgu u hu rrispetta din ir-rieda taghha. Jghid li hu kien ghamilha cara ma' A li kien xtaq it-tfal, u li ma xtaqx ihalli hafna fit-tul.

Jghid li wara li zzewgu l-attrici ma kinitx thossha komda jkollha x'taqsam mieghu. Fiz-zwieg rarament kien ikollhom x'jaqsmu, u dan bilfors b'kontracettiv ghaliex ma riditx tinqabad tqila. Jghid li ir-relazzjonijiet sesswali taghhom naqsu drastikament sa mindu bil-kemm kienu ilhom sitt xhur mizzewgin.

Jghid li wara z-zwieg bdew johorgu karatteristici taghha li ma kienx jarahom meta ma kinux jghixu flimkien. Kienet titrattah hazin f'daru u kienet tkun arroganti. Meta kienet iccempillu minn fuq il-post tax-xoghol, il-mod li bih kienet tkellmu, kienet iggibu qisu ma hu xejn.  Gurnata tipika fiz-zwieg kienet tibda billi l-ewwel tghidlu johrog l-iskart, jixghel id-dishwasher, u johrog l-ikel mill-friza, fost hafna facendi ohra. Kienet thares lejh bhala seftur id-dar. Kull darba li kien jonqos milli jaghmel xi haga minn dawn kienet tghajjat ghajjat esagerat. Iktar tard mal-gurnata kienet iccempel mix-xoghol, biex tara x'kien ha jsajjar. Kull darba pero' li ma kienx ikollu idea ta' x'ha jsajjar, kienet tghidlu 'mela ara x'ha taghmel', u taqta' hesrem.

Jghid li wara siegha jew saghtejn kien jircievi xi messagg minghandha, waqt li jkun fuq ix-xoghol, biex tghidlu jixtrilha l-laham jew it-tigieg, u kien ikollu jiehu dan il-Mellieha fis-siegha break tieghu; meta hi kienet tghaddi minn quddiem ix-xoghol hi u sejra d-dar u setghet tigbor l-affarijiet hi. Pero' hi kienet tghid li titlef il-hin (tliet minuti) jekk kienet tieqaf tigbru hi. Min-naha l-ohra ma kinitx tikkunsidra s-siegha li kien jitlef hu. Kienet sahansitra ccempillu ghal xil-hamsa ta' fil-ghaxija sabiex jitfilha l-alarm tad-dar, meta din kienet xi haga li setghet taghmilha hi stess mill- ismartphone taghha. U kemm-il darba kien ikollu l-klijenti quddiemu u ma jkunx jista' jitfi dan l-alarm, kienet taqbad tghajjat u targumenta fuq l-alarm. Kienet fi stat kontwinu ta' tensjoni u tgergir. Kien dejjem isibha b'burdata hazina wara x-xoghol, tgerger dwar ix-xoghol u ssemmi l-politika. Lanqas biss kien jista' jara l-ahbarijiet, ghaliex kienet taqbad tikkummenta dwar il-politika. Waqt l-ikel, lanqas biss kienet thallih jghid kelma, ghaliex kienet

tilmenta dwar xi hadd li kienet tahdem mieghu. Kienet sahansitra darba qaltlu li ma kinitx hadet il-promozzjoni li kien imissha minhabba li hu kien izomm ma’ partit partikolari u allura kien wiehed minnhom! Wara l-ikel kien inaddaf hu u xorta tkun arroganti jekk jinsa xi haga. Kienet anke tgerger meta t-tabib ordnalu li jimxi nofs siegha kuljum. Kienet kaz klassiku ta’ egoizmu. Hija riedet lil xi hadd jghinha fix-xoghol tad-dar.

Il-weekends kienu jkunu pjanati minnha u kull darba li jipproponi xi haga kienet tghidlu ‘mhux ghal dal-weekend’. Nhar ta’ Hadd, meta kienu jmorru jzuru lill-ommha, kienet thallih wahdu m’ommha u hi kienet tmur torqod f’kamra ohra.

Jghid li meta baghtilha messagg li ma riedx tfal kien biss ghaliex dak iz-zmien kienu ghaddejjin minn zmien hazin fiz-zwieg taghhom u hu hass li ma kellhomx jippruvaw ghat-tfal dak iz-zmien. Jghid li pero` hi f'ebda mument taz-zwieg ma wriet xewqa li jkollhom it-tfal, anzi insistiet li ma jkollhomx. Jghid li t-testijiet medici li riedha taghmel kienu sabiex ikunu zguri li ma jkollhiex problemi kemm-il darba tinqabad tqila, u dan in vista tax-xewqa tieghu li jkollu t-tfal.

Jghid li b'referenza ghal dak li qalet l-attrici dwar il-messaggi tal-mobile - hu qatt ma hassar messaggi minn fuq il-mobile; u hi kellha ‘Iphone’ li kellu l-passcode tieghu. Jghid ukoll li l-kopji ta’ messaggi li pprezentat intbaghtu mill-email account taghha stess u hu ma kellux access ghalih lanqas.

Jghid li wara sena zwieg hu kien wera x-xewqa li jkollhom it-tfal, izda mbaghad kien beda jkollhom x'jaqsmu verament ftit. Kienu jghaddu gimghat shah u bilfors irid isir bil-kontracezzjoni, u kienet tkun bierda ghal kollox. Iktar ma beda jghaddi z-zmien, iktar beda jinduna li hi kien hsiebha fil-karriera u mhux f'xi forma ta' bilanc bejn ix-xoghol u t-tfal. Hu beda jsir biss oggett sabiex jiffacilitalha l-hajja, l-attitudni taghha lejh u lejn nies ohra beda jtih ragun jghid hekk.

Kellhom il-hsieb li jaghmlu spare bedroom ghat-tfal, izda hi dejjem kienet riluttanti hafna sabiex taghmilha, izda kienet lesta li taghmel ghamara ohra fil-kuridur u f'postijiet ohra.

Jghid li pprovha jtiha l-ahjar li seta` kemm f'imhabba u f’affarjiet materjali kemm fl-gherusija u kemm fiz-zwieg. Dejjem xtaq familja izda hi kienet ghamlet pjan wahedha, ta’ kif hi tixtieq il-hajja mizzewga kif tixtieq hi biss. Il-mod hazin kif bdiet titrattah wara z-zwieg, l-attenzjoni esagerata lill-istudju u eventwalment lix-xoghol, in-nuqqas ta’ disponibilita’ sabiex imqar jitkellmu, u n-nuqqas ta’ disponibilita’ ferm ikbar biex ikollhom x’jaqsmu, u l-opinjoni kuntrarja taghha biex ikollhom t-tfal ma setax igieghlu jifhem mod iehor.

In kontro-ezami jghid illi qabel iz-zwieg huma kienu jsemmu li riedu jibnu familja. Wara z-zwieg, hu kien qalilha li ma xtaqtx ihalli hafna qabel ma jkollhom it-tfal, u hi qatt ma qaltlu le ghal dan, izda mbaghad wara kwazi sitt xhur zwieg hi kienet tkun bierda hafna u ma kinitx trid ikollha x'taqsam mieghu. Jghid li hu kien ihossu s-seftur tad-dar u dawn l-affarijiet ma setax jipprevedihom qabel iz-zwieg ghaliex qatt ma ghexu flimkien. Jghid li l-weekends kienu jigu ppjanati kollha minnha wara z-zwieg. Qabel iz-zwieg kien hemm bilanc. Jghid li qabel it-tieg qatt ma ghaddiet rimarki politici, izda wara z-zwieg il-kummenti bdew jurtawh. Jghid li jista` ikun li l-attrici ssuggerietlu li jmur ikellem lil espert ghaliex seta` jkun qieghed ibati minn xi kundizzjoni, izda hu ma mar imkien. Jghid li meta l-attrici kellha l-argument ma' missierha, kien cempillu huha u qallu lil l-attrici daqs missierhom kienet arroganti u ried javzah qabel jizzewweg. Izda hu kien wiegeb illi billi missierhom hekk ma jfissirx li hi hekk ukoll ghax dak iz-zmien ma kinitx tidher li hija dak it-tip ta' karattru.

**Ikkunsidrat**:

Iz-zwieg huwa istitut fondamentali f’pajjizna b’importanza tali li ghandu u jehtieg li jigi adegwatament protett minn azzjonijiet li jittentaw jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ nullita` meta ma jkunux jissussistu l-kawzali veri u proprji li ghandhom jissussistu sabiex issir tali dikjarazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru 1991 ntqal hekk:

*“...f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. .... Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.”*

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Jannar 2006 intqal hekk:

*“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe’ li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”*

L-attrici tibbaza t-talba taghha ghan-nullita' taz-zwieg fuq l-allegazzjoni illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, skont l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255.

Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg. Fl-ewwel artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin" jinghad hekk:

*'2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*
*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*
*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.'*

Kif gie wkoll ritenut fil-kawza **Janet Portelli vs Victor Portelli** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) kif ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 2014 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016:

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Inoltre, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003 inghad illi:

*"...il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront*

*ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi."*

Inghad ukoll f'sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2005 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Mario Mizzi vs Maris Mizzi**:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Ikkunsidrat;

<u>Talbiet Attrici.</u>

Fl-isfond tal-gurisprudenza su-citata, u fid-dawl tal-provi migjuba quddiemha, ma jirrizultax lil din il-Qorti illi xi hadd mill-partijiet kien fil-mument li gie celebrat iz-zwieg afflitt minn "anomalija psikologika serja". Ghalkemm l-attrici tissottometti illi l-konvenut seta` kien qieghed ibati minn *post traumatic stress disorder* kawza tal-incident u s-sussegwenti telf ta' huh u kuginuh f'incident tat-traffiku, ma tresqux provi f'dan ir-rigward sal-grad rikjest mill-ligi. Din hija biss supposizzjoni tal-attrici, li ma giet sorretta minn ebda evidenza medika. Mix-xhieda tal-psikologa Mariella Mamo ma jirrizultax li l-konvenut kellu xi nuqqas kostituzzjonali jew inkapacita' psikika li kienet qed timpedih milli jaghraf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Dwar l-allegat "nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" fil-konvenut, wara li l-Qorti fliet bir-reqqa t-testimonjanzi tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, tirrileva illi l-ebda testimonjanza, la individwalment u lanqas fl-assjem, ma twassalha ghall-konvinciment morali illi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg de quo il-konvenut kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-doveri u drittijiet relatati mal-istess. Id-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplat fil-ligi jrid ikun wiehed serju, u jrid jigi ppruvat b'mod car u inekwivoku. Isegwi ghalhekk illi mhux kull difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Jinghad ukoll illi decizjoni zbaljata ma twassalx necessarjament ghal vizzju fil-kunsens. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [vide in materja PA **Selina Maria D Haber vs Joseph Gatt** deciza 15 ta' April 1996].

Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 30 ta' Settembru 2016, fl-ismijiet **Avukat Dr Sabrina Micallef fil-kwalita` taghha ta' mandatarja specjali ta' l-imsiefra Maria Therese Fingal vs Henrik Daniel Fingal**, fejn inghad:

*"Kif ga` ssemma fis-sentenza Agius utrimque (supra) il-legislatur ma jirrikjedix xi maturita` elevata biex zwieg ikun validu. Kieku l-maggoranza kbira taz-zwigijiet ikunu nulli u jirrizulta li l-partijiet anke kellhom eta` normalment matura bizzejjed biex jersqu ghaz-zwieg – l-attrici kellha 27 sena u l-konvenut addirittura 34 sena. Ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti tirraviza certu nuqqas ta' hsieb mill-partijiet qabel ma ddecidew li jizzewgu, lanqas ma tara li kien hemm raguni ghaliex l-istess zwieg ghandu jkun dikjarat null skont il-provi li tressqu."*

Dawn il-kostatazzjonijiet jghoddu wkoll ghall-kaz odjern. It-talbiet attrici huma msejsa fuq l-allegat vizzju ta' kunsens tal-konvenut, senjatament tibbaza l-provi taghha fuq l-allegata *post traumatic stress disorder tal-konvenut*, li kif rajna aktar 'l fuq ma gietx pruvata, kif ukoll taghmel enfasi fuq *post* li l-konvenut kiteb fuq facebook fil-mori tal-proceduri li kien jghid: *"Rain poured heavily that day the one up above didn't want it to happen but I went and did it!!!! everything happens for a reason if this was the reason it was all worth it!!"*[1] L-attrici nterpretat dan bhala *"ma kelliex triq ohra, mort imma ma kontx cert minn dak li qed naghmel."*[2] Fil-fehma tal-Qorti din hija biss interpretazzjoni laxka da parti tal-attrici ta' dak li kiteb il-konvenut. Ftit li xejn jitfa` dawl fuq il-qaghda mentali reali tal-konvenut fil-mument tal-kunsens. Ma taghti ebda hjiel u ebda prova konkreta li l-konvenut ta l-kunsens tieghu minghajr verament fehem dak li kien qed jaghmel. Pjuttost, anki fl-affidavit taghha, hija tibbaza l-ilmenti taghha fuq dak li gara bejniethom wara c-celebrazzjoni taz-zwieg, b'dan li ma tat ebda enfasi jew deskrizzjoni ta' dak iz-zmien rilevanti tal-kunsens. L-ebda provi ma ressqet l-attrici li b'xi mod juru li l-kunsens taghha kien ivvizjat.

Jinghad ukoll illi l-partijiet kellhom gherusija twila <u>kwazi ghaxar snin</u>, u kellhom eta` sufficjenti sabiex jifhmu ghal xiex kienu dehlin u jaghmlu ghazla libera. Ghalkemm il-konvenut ghadda minn esperjenza trawmatika waqt l-gherusija bhal ma kienet dik tat-telfa ta' huh u kuginuh f'incident tat-traffiku fejn kien involut hu stess, jinghad fl-ewwel lok li dan sehh <u>disa` snin qabel iz-zwieg</u>, u iktar minn hekk, ma ngabu l-ebda provi li juru li l-fakolta' mentali tal-konvenut fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kienet menomata. Dwar l-allegata nuqqas ta' mhabba u incertezza tal-konvenut jerga` jigi ribadit illi ma ngabux provi cari u skjetti dwar dan, u fi kwalunkwe kaz, kif ribadit fil-gurisprudenza nostrana, mhux kull

1 Dok RP1 fol 161
2 Vide xhieda tal-attrici a fol 94

incertezza jew immaturita` affettiva twassal ghal ghotja ta' kunsens vizzjat. Il-provi dwar dan jehtieg li jkunu cari u skjetti – li fil-kaz odjern ma rrizultawx.

Ir-ragunijiet li tat l-attrici biex tissostanzja t-talba taghha jistghu jkunu rilevanti f'kawza ghal separazzjoni jew divorzju, izda ma jwasslux ghall-estremi tal-annullament taz-zwieg tal-partijiet.

Fl-isfond tal-gurisprudenza riportata, u abbazi tal-provi migjuba quddiemha, hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-konvenut ta kunsens validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg u ghaldaqstant it-talbiet attrici imsejsa fuq is-sub inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 qed jigu respinti.

Eccezzjonijiet tal-Konvenut..

Fl-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut filwaqt li jikkontesta u jopponi t-talba tal-attrici ghall-annullament imsejsa fuq il-premessa li z-zwieg tal-partijiet huwa null fuq il-premessa li l-konvenut kien afflitt minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, li kif rajna ma giex sodisfacentement ippruvata; jikkontendi fl-istess eccezzjonijiet illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ghaliex isostni li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba illi huwa ried ikollu t-tfal u wara li zzewgu skopra li l-attrici ma ridietx li jkollhom tfal. Jeccepixxi wkoll illi z-zwieg tal-partijiet huwa null minhabba anomalija psikologika da parti tal-attrici.

Pero’ l-konvenut naqas milli jressaq talbiet rikonvenzjonali fuq dak minnu allegat.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi hemm distinzjoni netta bejn eccezzjoni u talba rikonvenzjonali. Kif sostna **Mattirolo** fix-xoghol tieghu “**Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano**” [3]:

“Questa nuova domanda, che il convenuto, quasi reagendo, propone contro l’attore, si chiama “riconvenzione” … la quale perciò vuole essere accuratamente distinta.”

Huwa evidenti minn qari tal-eccezzjonijiet tal-konvenut illi huwa ma kellux il-hsieb biss li jirribatti u jilqa’ ghat-talbiet attrici msejsa fuq il-pretest li z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 izda qed iressaq pretensjonijiet totalment diversi fis-sens li z-zwieg huwa null ai termini ta’ disposizzjonijiet ohra tal-ligi u ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attrici. Sabiex jadixxi l-Qorti fuq tali pretensjoni kien jehtieg lill-konvenut illi jressaq talbiet specifici kontra l-attrici bil-mezz ta’ talbiet rikonvenzjonali. Ghal kuntrarju ghazel li jieqaf billi jipprezenta biss risposta guramentata bl-

[3] 5th edn Fratelli Bocca Torino (1902–1906) vol 1, 43.

eccezzjonijiet tieghu li ma jistghu qatt jitqiesu talbiet rikonvenzjonali. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli et vs Surgiquip Limited**" deciza fis-16 ta' Dicembru 2003: "Ghalhekk jekk f'dawk il-proceduri tigi proposta kontro-talba, li wara kollox ghandha l-aspetti kollha ta' citazzjoni indipendenti............" Rilevanti referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2004 f'kawza li kienet titratta talba tal-attur li z-zwieg jigi annullat minhabba vizzju ta' kunsens da parti tal-konvenuta filwaqt li l-konvenuta ikkontestat u insistiet li z-zwieg kien validu. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba attrici u iddikjarat iz-zwieg null minhabba li l-kunsens **taz-zewg kontendenti** kien vizzjat. L-attrici apellat. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi "F'dan ir-rigward ghandu jigi enfasizzat li l-attur lanqas ghamel xi talba f'dan is-sens fic-citazzjoni odjerna. Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li biha gie dikjarat in-nullita` taz-zwieg minhabba difett fil-kunsens moghti miz-zewg kontendenti hija manifestiment *ultra petita* fil-konfront ta' l-istess attur."

Il-Qorti ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni tal-pretensjoni tal-konvenut li z-zwieg tal-partijiet kien null fuq il-pretest li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat una volta tali pretensjoni ma tresqitx b'talba in via rikonvenzjonali. F'dan ir-rigward eccezzjoni wahedha mhux akkumpanjata minn talba rikonvenzjonali ma hiex sufficjenti sabiex tali pretensjoni dwar caput nullitatis divers minn dak tal-attrici tigi trattata u deciza mill-Qorti fil-kawza odjerna.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' in parte ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**